MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 87/2008

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Tiziana Sultana

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-P.L. Francesca Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih eccepiet:

1. Illi, in forza ta’ bejgh in Subasta numru 71/04 mizmum taht l-Awtorita` ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Marzu 2007 gie liberat a favur tas-socjeta` rikorrenti t-terran ossia ***ground floor flat*** internament imarkat bin-numru wiehed (1), maghruf bhala ‘La Fontanella’, formanti parti minn blokk ta’ apartamenti bla numru u bla isem maghrufa bhala Blokk numru ruman (II), li jinsab fil-Government Housing Estate f’Paola Hill, Paola, u li ghandu entratura separata minn Triq id-Dghajjes, liema flat jinsab sottostanti ghall-proprjeta` ta’ terzi u ghandu

jiccirkondah bicca gnien zghir fuq quddiem u fil-genb. L-imsemmi flat jippossjedi in komunjoni mal-flats l-ohra s-sehem indiviz ta' wiehed minn sittax-il parti (1/16) tal-partijiet komuni ta' l-istess blokk principalment ta' l-entratura, tat-tarag, tat-tarag ghal fuq il-bejt u tat-tromba u kif ukoll tas-sehem indiviz minn erba' partijiet (1/4) tad-drains u tas-sistema tad-drenagg. Dan il-blokk jikkonfina mix-Xlokk ma' Triq id-Dghajjes u mall-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta` tal-Gvern ta' Malta, kif ahjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni annessa mar-rikors u mmarkata Dok "A";

2. Illi ghalhekk illum l-intimata qed tokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Illi, ir-rikorrenti taf personalment li saret liberazzjoni favur tieghu tal-fond indikat fid-dokument "A" anness mar-rikors.

4. Illi, l-intimata giet interpellata sabiex tizgombra mill-imsemmi fond u dan permezz ta' Ittra Ufficjali datata 30 ta' Ottubru 2007 li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok "B", izda baqghet inadempjenti.

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

1) Tiddikjara li l-intimata qed tokkupa l-***ground floor flat*** internament immarkat bin-numru wiehed (1), maghruf bhala 'La Fontanella', formanti parti minn blokk ta' apartamenti bla numru u bla isem maghrufa bhala Blokk numru ruman (II), li jinsab fil-Government Housing Estate f'Paola Hill, Paola, u li ghandu entratura separata minn Triq id-Dghajjes, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2) Tordna li, in konsegwenza l-istess intimata fi zmien qasir u perentorju li jigi lila prefiss, tizgombra mill-fond ***ground floor flat*** internament immarkat bin-numru wiehed (1), maghruf bhala 'La Fontanella', formanti parti minn blokk ta' apartamenti bla numru u bla isem maghrufa bhala Blokk numru ruman (II), li jinsab fil-Government Housing Estate f'Paola Hill, Paola, u li ghandu entratura

separata minn Triq id-Dghajjes u thalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Ottubru 2007 u bir-riserva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimata li giet ingunta sabiex tiher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li l-intimata debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk baqghet kontumaci, u anqas dehret ghas-seduti u ma deher hadd ghaliha.

Xehed Joseph Borg Cardona, ***Manger Legal Office*** mal-Bank of Valletta u qal li miz-zmien li gie prezentat ir-rikors ma saru l-ebda zviluppi u l-ebda depozitu fil-kont.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqa' l-istess talbiet, tiddikjara li l-intimata qed tokkupa l-***ground floor flat*** internament immarkat bin-numru wiehed (1), maghruf bhala 'La Fontanella', formanti parti minn blokk ta' apartamenti bla numru u bla isem maghrufa bhala Blokk numru ruman (II), li jinsab fil-Government Housing Estate f'Paola Hill, Paola, u li ghandu entratura separata minn Triq id-Dghajjes, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Tordna lill-intimata biex fi zmien xahrejn, tizgombra mill-fond ***ground floor flat*** internament immarkat bin-numru wiehed (1), maghruf bhala 'La Fontanella', formanti parti minn blokk ta' apartamenti bla numru u bla isem maghrufa bhala Blokk numru ruman (II), li jinsab fil-Government Housing Estate f'Paola Hill, Paola, u li ghandu entratura separata minn Triq id-Dghajjes u thalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------